## Eżami ghad-Dħul fil-Liċeo taż-Żgħar - Studji Soċjali 2003
## Skema tal-Marki

| **Mist.** | **Marki** | **Tweġiba** |
|---|---|---|
| **A.** | Marka l-waħda<br><br>10 marki | 1. (a) fossili (b) Sant'Iermu<br>(ċ) La Valette (d) Francesco Laparelli<br>(e) (ii) (f) Dragut<br>(ġ) *George Cross* (g) ir-Repubblika<br>2. (a) katakombi (b) Ġgantija |
| **B.** | Marka l-waħda<br><br>10 marki | il-vojt f'dan il-paragrafu irid jimtela b'dawn il-kelmiet, f'din l-ordni:<br><br>xogħol volontarju<br>solidarjetà<br>reliġjuż<br>ċittadin<br>dmirijiet<br>stat demokratiku<br>nazzjonali<br>festi nazzjonali<br>soċjali<br>edukati |
| **Ċ. (i)** | Marka għal kull lokalità | Skond il-Mappa ta' Malta |
| **Ċ. (ii)** | Marka għal kull tweġiba | Max-xatt tal-baħar – Valletta, Ix-Xlendi<br>Imdawwar bl-art – Ħal Luqa, Victoria, Ir-Rabat (Malta) |
| **D.** | 10 marki | 1. Il-ġifen inqabad f'maltempata u spiċċa nkaljat fuq Malta. (2)<br>2. Billi l-lifgħa gidmet lil San Pawl in-nies stennew li hu jaqa' u jmut. Dan, iżda ma ġarax. (1)<br>3. Dak li qed jirrakkonta l-ġrajja. Wieħed minn dawk li kien ma' San Pawl fuq il-ġifen. (1)<br>4. Fix-xhur tax-xitwa ma kinux ibaħħru. (1)<br>5. Ikkonverta l-ewwel Maltin għat-twemmin nisrani. (1) |
| **E.** | Marka għal kull isem tajjeb | 1. Ċipru<br>2. Kreta<br>3. Sqallija<br>4. Gżejjer Balearići<br>5. Korsika<br>6. Sardenja |

| **Mist.** | **Marki** | **Tweġiba** |
|---|---|---|
| **F.** | 6 marki | 1. Tweġibiet possibbli jistgħu ikunu:<br>• Jinkisru d-drittijiet ta' xulxin<br>• Aktar nuqqas ta' qbil li jwassal għal ġlied<br>• Jinkisru r-regolamenti tat-traffiku<br>• Aktar inċidenti tat-traffiku<br>• Jinkisru l-liġijiet tal-pajjiż u ħadd ma jittella' l-Qorti<br>• Tiżdied il-kriminalità fil-pajjiż: serq, abbuż ta' drogi, qerq bil-flus<br>• Nuqqas ta' kontroll fil-prezzijiet<br>• Tispiċċa s-saħħa tal-liġi tal-pajjiż<br>• Il-Qorti ma tkunx tista' tiffunzjona għax ma jkollhiex min iressaq quddiemha lil min jikser il-liġi<br>• nuqqas ta' ordni pubbliku<br><br>2. Ix-xogħol ta' ners jista' jitqabbel l-aktar ma' dak ta' tabib. It-tnejn jaħdmu fil-kura u l-ħarsien tal-mard, ħafna drabi fl-isptar.<br><br>3. ix-xogħol tal-bdiewa u s-sajjieda<br><br>4. Barra kotba il-librar jista' jieħu ħsieb ukoll ta' *videos*, DVD, *cassettes* u diski.<br><br>5. Xogħol industrijali:<br>Xogħol ta' produzzjoni li jsir fil-fabbriki; xogħol ta' manifattura. Jitlob mill-ħaddiema ħila u sengħa (*skills*).<br><br>6. Ħafna drabi ma jistax billi bosta mix-xogħol tat-tarzna jitolbu sengħa partikolari. |
| **Ġ.** | 6 marki | 1 Ħal Saflieni (1)<br>2. Aċċetta waħda minn dawn:<br>Bħala tempju; bħala ċimiterju għall-mejtin; bħala post għall-qima ta' l-allat ta' dak iż-żmien. (1)<br>3. L-eqdes kamra fl-ipoġew (2)<br>4. Tempju megalitiku hu mibni b'ġebel kbir; Ipoġew imħaffer fil-blat taħt l-art. (2) |

<table>
<tr><th>Mist.</th><th>Marki</th><th>Tweġiba</th></tr>
<tr><td>G.</td><td>6 marki<br><br>Marka ghal kull risposta<br><br>Nofs il-marki jekk ir-risposti ma jkunux f'sentenzi</td><td>a. Dan il-blat għoli jissejjaħ irdum.<br>b. Dawn saru eluf u miljuni ta' snin ilu biċ-ċaqliq tal-blat u bis-saħħa ta' l-ilmijiet li kienu jgħaddu b'qawwa akbar dak iż-żmien.<br>ċ. Tweġiba waħda - Il-bajjiet servew bħala portijiet.<br>Is-sajjieda sabu l-kenn fid-daħliet.<br>Il-lum il-bajjiet huma importanti għax minħabba t-temp sħun jiġu ħafna turisti biex jgħumu f'dawn il-bajjiet.<br>d. Maż-żmien il-ġebla tal-limestone tittiekel jew tinħall bl-ilma li jidħol fiha.<br>Jew<br>Tul l-eluf ta' snin l-ilma li daħal fil-blat kabbar u wessa' x-xquq li kien fih il-blat u b'hekk sawwar għerien kbar u fondi.<br>e. Dawn il-forom jissejħu stalaktiti.<br>f. F'Malta hawn ħames saffi ta' blat u l-kulur ivarja skond is-saff li jkun fil-wiċċ.</td></tr>
<tr><td>GĦ.</td><td>14-il marka</td><td>1. (a) Jistgħu jissemmew tlieta minn fost dawn il-bżonnijiet:<br>• dawl u ilma<br>• ikel<br>• mezz komuni biex jikkomunikaw bejniethom<br>• liġijiet li jirregolaw l-imġiba tagħhom<br>• gvern jew awtorità li tfassal il-liġijiet<br>• xi ħadd li jinforza l-liġijiet<br>• servizzi tas-saħħa<br><br>(b) Fin-nuqqas ta' lingwa komuni, jistgħu jikkomunikaw billi:<br>• joħolqu lingwa tas-sinjali<br>• ifittxu l-aktar lingwi li jixxiebhu biex jaraw isibux kliem komuni<br>• jibdew jitgħallmu l-kliem li jkollhom bżonn jużaw kuljum bil-lingwa ta' xulxin<br>• ipinġu dak li jkunu jixtiequ jgħidu<br>• jaraw bejniethom min għandu l-ħila jittraduċi minn lingwa għal oħra<br>• jitgħallmu l-lingwi ta' xulxin<br>• isibu interpreti</td></tr>
</table>

| **Mist.** | **Marki** | **Tweġiba** |
|---|---|---|
| **GĦ.** | | 2. (a) Tweġibiet possibbli jistgħu ikunu:<br>• Xtaq li s-Sur Borg isir sindku.<br>• Għax hu favur il-ħarsien ta' l-ambjent.<br>• Xtaq jattendi kors tal-kompjuter.<br>• Xtaq jara r-raħal ġej 'il quddiem fit-tagħlim ta' l-imġiba tajba fis-soċjetà.<br><br>2. (b) Sentenzi li juru s-sens ċiviku ta' Stephen jistgħu ikunu:<br>• Stephen kellu interess fil-kunsill lokali.<br>• Stephen kien iħobb il-lokalità tiegħu, u xtaq jaraha aħjar.<br>• Stephen kien jinteressa ruhu fil-ħajja tal-lokalità tiegħu.<br><br>2. (ċ) Jistgħu jinkitbu sentenzi bħal:<br>• Is-sindku jigi magħżul minn fost il-kunsilliera.<br>• Is-sindku hu l-persuna responsabbli quddiem il-liġi għat-tmexxija tal-kunsill lokali.<br>• Ix-xogħol tas-sindku hu xogħol ta' servizz għan-nies tal-belt jew raħal.<br>• Is-sindku jitkellem f'isem il-kunsilliera sħabu.<br>• Is-sindku għandu responsabbiltà li jara li l-ambjent tal-lokalità jinżamm nadif.<br>• Ir-rwol tas-sindku hu li jmexxi l-laqgħat tal-kunsill u jara li x-xogħlijiet fil-lokalità isiru skond il-liġi. |
| **H.** | 2 marki<br><br><br>2 + 2 marki<br><br><br><br><br><br>2 marki | 1. (a) Jirrestawrahom; jara li ma jiġġarfux; jara li ma jsirx vandaliżmu fuqhom.<br><br>(b) Aċċetta tnejn minn dawn:<br>Nagħmlu vandaliżmu fuqhom; inħażżu, nigirfu, nitfgħu żebgħa fuq il-ħitan; narmu skart ħdejhom; nwaqqgħuhom biex nibnu bini ġdid flokhom.<br><br>(ċ) Ngħidulu jieqaf u nispjegawlu li dawk huma parti mill-wirt storiku ta' pajjiżna. |

| Mist. | Marki | Tweġiba |
|---|---|---|
| **H.** | 6 X 1 = 6 marki | 2. L-istudenti jistgħu jsemmu sa sitt punti minn dawn. Kull punt li jsemmu jiswa marka:<br>▪ Kelna nuqqas ta' ikel għax kien hawn ikel bil-qies.<br>▪ Kelna nuqqas ta' ħin liberu għal-logħob.<br>▪ Ridt noqgħod inqum b'nofs ta' lejl biex ninżel fix-xelters.<br>▪ Fix-xelters kien hemm nuqqas ta' arja, ta' spazju u ħafna umdità.<br>▪ L-iskola spiss kienet tkun magħluqa.<br>▪ Filgħaxija kien ikolli noqgħod fid-dlam minħabba l-*black out.*<br>▪ Kont nibża' mill-ħsejjes ta' l-ajruplani u tal-bombi meta jisplodu.<br>▪ Kont nibża' li nisfaw bla dar.<br>▪ Kont nibża' li mmut jien, il-ġenituri tiegħi, ħuti jew sħabi.<br>▪ Kont nibża' li nintradam taħt il-bini mwaqqa' sakemm forsi joħorġuni. |
| **Ħ. (i)** | 4 marki għal dan il-paragrafu | Erbgħa minn fost dawn il-problemi:<br>▪ Fejn l-iskola jkun hemm serbut ta' karrozzi.<br>▪ B'hekk ikun hemm dewmien biex nasal l-iskola.<br>▪ Ikun hemm storbju mill-makni u l-ħornijiet.<br>▪ Problema oħra hija t-tniġġis mid-dħaħen.<br>▪ Minħabba t-tniġġis aktar tfal qed ibatu mill-asthma.<br>▪ Hija problema biex missieri jsib jipparkja.<br><br>**Nofs il-marki jekk ir-risposti ma jkunux f'sentenzi.** |

| Mist. | Marki | Tweġiba |
|---|---|---|
| **Ħ. (ii)** | 4 marki għal dan il-paragrafu | Erbgħa minn fost dawn is-sentenzi:<br>▪ It-tabelli u s-sinjali tat-traffiku mwaħħla mal-ħitan jew ma' xi pilastru jgħinu lix-xufiera biex ikunu jafu minn fejn jgħaddu mingħajr telf ta' żmien.<br>▪ Żebgħa bajda jew safra turi lix-xufiera fejn jistgħu jipparkjaw biex b'hekk ma jkunux kawża ta' konġestjoni.<br>▪ It-*Traffic lights* jgħinu biex jirregolaw it-traffiku ħdejn salib it-toroq.<br>▪ Bis-sistema ta' *One-Way* it-traffiku jimxi aktar malajr.<br>▪ Qed isiru *roundabouts* biex is-sewwieqa jkunu jafu min għandu d-dritta.<br>▪ Biex ma jkunx hemm karozzi ipparkjati ħażin qed jinbnew *car parks* kbar.<br>▪ Inbnew toroq bħala *by-pass* biex il-karrozzi jevitaw it-toroq dojoq taċ-ċentru.<br>▪ Minħabba n-numru kbir ta' karrozzi saru *flyovers* li huma toroq mibnija fuq xulxin.<br>▪ Biex it-traffiku jibqa' għaddej mexxej saru *subways* biex in-nies li jridu jaqsmu t-triq jgħaddu minn taħt.<br><br>**Nofs il-marki jekk ir-risposti ma jkunux f'sentenzi.** |
| **Ħ.(iii)** | 4 marki għal dan il-paragrafu | Erbgħa minn fost dawn il-sentenzi -<br>▪ Aħna għandna nuru rispett lejn min qed isuq karrozza.<br>▪ Ħadd m'għandu joħroġ għat-triq bl-addoċċ.<br>▪ Biex taqsam għandek tfittex *zebra crossing*.<br>▪ Għandek tkun ċert li s-sewwieq rak u li waqaf qabel ma tibda taqsam anke minn fuq *zebra crossing*.<br>▪ Aħna għandna naqsmu t-triq mingħajr dewmien ħalli t-traffiku jkompli għaddej.<br>▪ M'għandekx tagħfas għalxejn il-buttuna tat-*traffic lights*.<br>▪ Aħna għandna nimxu fuq il-bankina u għandna nużaw is-*subways* fejn hemm.<br>▪ It-triq mhux post fejn wieħed jilgħab bil-ballun.<br>▪ Meta qed naqsmu it-triq għandna nħarsu sewwa lejn kull naħa.<br>▪ M'għandniex nintilfu fil-paroli meta qed naqsmu t-triq.<br>**Nofs il-marki jekk ir-risposti ma jkunux f'sentenzi.** |